MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru 740/2000

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
**v**

**JOSEPH ABELA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH ABELA** ta’ sebgha w erbghin sena bin Carmelo u Mary nee Sacco imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta’ Dicembru 1952 u residenti ‘Ta Habel’, Triq n-Namur, l-Iklin, detentur ta’ karta tal-identita numru 6553M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar snin u cioe fis-sittax ta’ Settembru 1998 u fil-jiem ta’ qabel u wara din d-data, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprija ruhu billi

dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew kkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal elf mija disgha w sebghin lira maltin, liema flejjes jappartjenu lil John Lee direttur ta’ Mr. Lee Restaurant u persuni ohra u dan r-rerat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju;

2. talli b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifika foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ elf mija disgha u sebghin mitt lira maltin ghad-dannu John Lee direttur ta’ Mr. Lee Restaurant u persuni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2002 [fol 7] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan fis-seduta tal-ewwel ta’ Dicembru 2000 [fol 9A] meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil istess prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2007 li ghalkemm hi harget *arrival report* ta’ John Lee f’Awissu 2003 hi m’inghatat ebda taghrif dwaru w ghalhekk talbet lil Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza fin-nuqqas t’interess da parti tal-kwerelant.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2000 **xehed l-Ex Spettur Raymond Cremona** [fol 10] fejn qal li fiz-zmien li kien qed jigi nvestigat dan il-kaz hu kien l-Ufficjal Investigattiv fl-Economic Crime Section. Qal li hu kien ircieva rapport minghand John Lee li certu Joseph Abela, l-imputat presenti fl-awla, kien xtara minghandu u tah elf mija disgha w sebghin lira biex jghamillu xi *promotion* ta’ reklami. Qal li ghalkemm kien ghadda zmien mhux hazin, u kien tah l-flus biex jixtri dawn r-reklami, l-imputat ma kien ghamillu xejn. Qal li dan kien bieghlu r-reklami f’isem il-kumpanija tieghu Commercial Advertisment Services Limited u dan baqa m’ghamilhomlux.

Ix-xhud zied jispjega li hu kien tkellem mal-imputat odjern fejn dan irrilaxxja stqarrija nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 1999 fil-presenza ta’ PC 824 Mercieca wara li tah s-solita twissija, liema stqarrija l-imputat ghazel li jiffirma fejn fiha stqarr li hu kien iltaqa ma xi diffikultajiet pero cahad li kien hati ta’ xi frodi jew misapproprazzjoni. L-imputat kien qallu wkoll li kien ser jaghmel minn kollox sabiex dawn r-reklami jaghmilhom meta kellu jirritorna lura mis-safar, peress li meta kellmu kien imsiefer. Ix-xhud zied jghid li wara li gie lura l-imputat kien rega’ siefer u meta hu kellmu rega’ qallu l-istess kliem u cioe li kien ser jirranga kollox peress li kien f’xi diffikulta.

Zied jghid li John Lee kellu zewg ristoranti, wiehed li jinsab ma gemb s-Sa Maison Hotel *residential home* u l-iehor li jinsab f’Paceville. Qal li jekk ma kienx sejjer zball l-imputat kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta kummercjali Commercial Enterprises Limited. Zied jghid li John Lee kien ta l-flus lil imputat sabiex jaghmillu xi xoghol ta’ reklam ghalih. Qal li ma jiftakarx x’kien qallu l-imputat dwar il-flus li tah John Lee.
Ix-xhud, muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument CSH 3 [fol 8] ikkonferma fuq kull faccata tal-istess, l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll dik ta’ PC 824 Mercieca.

Illi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2000 **xehdet Cynthia Maria Mizzi** [fol 13] fejn qalet li prezentement kienet qed tahdem ma Malta Financial Services Limited bhala *desk officer*.

Qalet li mitluba taghmel ricerka fuq s-socjeta Commercial Enterprises Limited u min kienu d-diretturi taghha f'Settembru 1998, hi wiegbet li kienu certu Noel u Joseph Abela. Hi esebit kopja tal-*memorandum of articles* ta' din s-socjeta liema dokument gie mmarkat bhala document MS [fol 15 et seq].

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat odjern huwa direttur tas-socjeta Commercial Enterprises Limited.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed PS 1419 Mark Sultana** [fol 73] fejn qal li hu gie mitlub jaghmel ricerka fuq John Lee u qal li mir-ricerka li ghamel rrizultalu li dan il-bniedem kellu mahrug permess tax-xoghol u sussegwetement inqaleb ghal permess ta' residenza. Fis-sena 2002 rega' nghata permess tax-xoghol. Huwa kkonferma li b'effett mill-ewwel ta' Awissu 2005 dawn il-permessi tax-xoghol ghaddew ghand l-ETC w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jaghti aktar informazzjoni dwaru.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed Alexander Fenech** [fol 75] fejn ikkonferma dak kollu li qal PS 1419 Mark Sultana dwar il-moviment ta' John Lee.

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 1999 li tinsab esibita bhala dokument CSH 3 a fol 8 tal-atti. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat verament kien ftiehem li jaghmel xi xoghol ta' reklamar ghan-nom tas-socjeta tieghu Commercial Advertising Services Company Limited lil John Lee u dan ghal valur ta' circa elf lira maltin. Mistoqsi jekk kienx minnu li huwa ghamel xi ftehim ma John Lee fl-ewwel ta' Dicembru 1998 fejn stqarr li kien dahaq b'John Lee u kien obbliga ruhu li jirrifondi lura l-flus, l-imputat wiegeb li kien hemm cirkostanzi li x-xoghol li kellu jaghmel ghal kumpanija tieghu kien beda izda ma tkompliex. Mistoqsi ghaliex m'ghamilx x-xoghol li ntrabat li jaghmel, huwa wiegeb li kien hemm hafna cirkostanzi fosthom li kien hemm xi nies ma min kien jaghmel reklamar u kienu waqfu li jirreklamaw mieghu. Mistoqsi x'ghamel bil-flus, l-imputat wiegeb li hallas

kontijiet ohra.  Ikkonferma li uza l-flus li gew moghtija lilu ghar-reklamar ta’ affarijiet ohra.

Izda mistoqsi ghal darb’ohra jekk ghamilx xi ftehim quddiem l-avukat tieghu dwar dawn il-flejjes, l-imputat wiegeb fl-affermattiv w ikkonferma li kien ghamel ftehim ma John Lee fis-sena 1998 fejn ftehmu li kellu juza l-flus f’dik s-sena kurrenti.  Qal wkoll li huwa ttanta isib lil John Lee izda ma sabux u kien sahansitra anke mar ifittxu sabiex jasal f’arrangement mieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwerelant ma xehedx w ghalhekk il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imptuat ma gewx kontestati.

Illi huwa veru li skond l-proviso tal-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ebda procediment ma jista jinbeda ghad-delitt ta’ approprazzjoni in debita hlief bi kwerela ta’ parti leza.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, li mhux kontestati, jirrizulta li l-pulizija pprocediet bl-azzjoni prezenti wara li kienet irceviet rapport mill-parti leza. (vide xhieda tal-Ex Spetur Raymond Cremona).  Dan r-rapport ma giex esibit w ghalhekk fin-nuqqas ta’ l-ahjar prova, din il-Qorti tirrileva li l-kwerela rikjesta ma gietx ppruvata.  Pero b’dan kollu ma jirrizultax li l-parti leza rrinuzjat espressament ghal azzjoni kriminali.  Ghalhekk, skond l-artikolu 373 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti trid tisma u tiddeciedi l-kawza kif imexxija ex officio mill-pulizija.

Illi l-artikolu 373 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa applikabbli ghar-reati defotti.  Effettivament skond l-artikolu 370(1), d-delitt t’approprazzjoni indebita mhux ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati peress li huwa punibbli bi prigunerija ta’ aktar minn sitt xhur u precizament ghal massimu ta’ tmintax l-xahar.  Tant li l-imputat gie mressaq l-Qorti u l-prosekuzzjoni esibit l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza titmexxa bi procedura sommarja.

Illi f'dan il-kaz huwa applikabbli l-artikolu 390(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid "Jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-Qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond l-ligi.

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-imputat talab l-prova tal-kwerela u lanqas li l-Qorti ordnat lil prosekuzzjoni ghal tali prova w ghalhekk il-kwerela hija prezunta [vide **Il-Pulizija v Manuel sive Lolly Cassar** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Mejju 1997***].

Illi sabiex jirrizulta r-reat ta' misapproprazzjoni iridu jikkonkorru t-tlett elementi kkunsidrati wkoll flimkien u cioe li dak li jkun zamm l-flus jew oggetti ghalih kien:

a. ha l-flus jew haga ta' haddiehor li jkunu gew fdati jew ikkunsinnati lilu li hawn qed issir referenza ghas-somma ta' elf lira maltin li giet mghoddija lil imputat minn John Lee;

b. taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew haga, jew li jsir uzu specifikat minnhom li skond l-imputat is-somma flus kellha tintuza ghar-reklami; u

c. kull minn japproprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, li skond l-appellant din s-somma ghand ghandu sa llum pero dan huwa minhabba l-fatt li ma jistax jiltaqa mal-vittma sabiex jirranga l-kwistjoni ta' bejniethom.

Illi mill-provi prodotti u cioe mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li hija r-regina tal-provi f'dan il-kaz, l-imputat gioe moghti elf lira minghand John Lee sabiex jghamillu xi reklami u dan fis-sena 1998, u m'ghamilhomlux ghaliex skond hu, hallas kontijiet bihom. Pero jirrizulta wkoll li fl-ewwel ta' Dicembru 1998, huwa ghamel ftehim ma John Lee sabiex il-flejjes jintuzaw ghal skop differenti.

Illi dan il-ftehim ma giex esibit u lanqas ma l-prosekuzjoni ressqet provi dwaru ghalkemm kienet taf bl-ezistenza tieghu minn qabel ma ressqet lil imputat l-Qorti, u dan mill-istqarrija li rrilaxxja l-imputat stess a tempo vergine tal-investigazzjoni.  Fil-fatt lanqas ressqet lil Dottor Seigfred Borg Cole jixhed biex jispjega dan li kien irrimedja.

Illi ghalhekk a bazi ta' din il-prova biss, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li qabel ma l-imputat tressaq il-Qorti, huwa kien wasal fi ftehim mal-imputat kif kellhom jigu wzati l-flejjes li kienu fil-pussess tieghu.  Illi pero gara li l-kwerelant telaq minn Malta, u zgur li ma zammx kuntatt mal-prosekuzzjopni kif wkoll mal-imputat w ghalhekk il-flus baqghu ghand l-imputat.

L-imputat jghid fl-istqarrija tieghu li huwa ttanta jfittex lil kwerelant izda ghal xejn ghaliex ma sabux, irrikonoxxa li ghandu l-flus tal-kwerelant f'idejh pero ma jafx ser jaghmel bihom.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' din il-prova skjetta, l-akkuza t'approprjazzjoni indebita u l-aggravji taghha, zgur ma gewx ppruvati.

Illi l-imputat fit-tieni lok gie akkuzat bir-reat ta' truffa kif kontemplata fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li "ghamel uzu minn ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, billi nqeda b'qerq iehor, ingann u billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika."

In tema legali gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-tnax ta' Frar 1979*** fl-ismijet **Il-Pulizija v Anthony Francis Willoughby** li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi nnominati, irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma t'ingann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lil vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghal agent.*

*[vide **Il-Pulizija v Emanuel Ellul deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1997** w **Il-Pulizija v Daniel Frendo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1994**].*

Dan t-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghaliex tkun giet ingannata voluntarjament, taghti xi haga lil agent [vide **Il-Pulizija v Carmel Cassar Parnis *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 1959*** – Vol. XLIII – iv. – 1140].

Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat gie moghti l-flus mill-kwerelant b'mod frawdolenti ghaliex il-flejjes gew mghoddija lil imputat voluntarjament a bazi ta' negozju li, minhabba cirkostanzi, ma sarx. Zgur pero li mill-provi skjetti prodotti ma jirrizultax li l-imputat a tempo vergine li rcieva l-flus kellu x'intenzjoni li jonqos li jaghmel xi haga li ggib xi telf patrimonjali lil vittma bil-konsegwenza arrikiment ghalih.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293, 294, 308, 309, 310(1) tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ma ssibx lil imputat JOSEPH ABELA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------